**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

**Onor Miriam Hayman**

**Imhallef**

**Rikors ġuramentat nru. 1068/17MH**

**Mark Ellul Sullivan(I.D.171372M) Caroline Hayes(47967M) Ikebana Holdings Limited (C29866) CSMR(1994) Limited (C16452)**

**Vs**

**Registratur Qrati Ċivili u Tribunali, u l-Av. Henri Mizzi, L-Av. Marisa Vella u l-Av. Kevan Azzopardi u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil**

**Illum 11 ta' Ottubru, 2021**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' r-rikorrenti hawn fuq imsemmija datat 24 ta' Novembru, 2017 u d-dokumenti miegħu esebiti.

Rat id-digriet tagħha datat 1 ta' Diċembru, 2017[1]

Rat ir-risposta konġuntiva ta' l-Avukati Dr.Henri Mizzi u Dr. Marisa Vella ukoll tal-P.L.Jean Pierre Busutill.[2]

Rat ir-risposta tar-Registratur Qrati Ċivili u Tribunali.[3]

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Kevan Azzopardi, bħala stralċjarju tal-kumpanija xolta Robert Damkjer(Malta) Limited (C30651).

Rat l-atti kollha tal-kawza, in-noti ta' sottomissjonijiet u kkonsidrat;

Illi l-mertu in eżami huwa t-taxxa li ġiet maħruga mir-Registratur intimat, n kwantu r-rikorrenti għar-ragunijiet minnhom esposti fir-rikors promotur issostnu li hija erroneja fuq l-ammont maħdum u kif maħduma, ukoll illi huma qatt ma ġew notifikati bit-taxxa b'att ġudizzjarju, għalkemm jammettu li rċevew ittra uffiċjali annessa bħala Dok B[4], għalhekk jitolbu it-tħassir ta' l-istess taxxa, li l-intimat Registratur jiġi ordnat illi jerġa joħrog taxxa **provisorja** pendenti l-eżitu ta' l-appell intavolat minn l-ewwel sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta[5]. It-taxxa mpunjata hija esebita a folio 65 bħala Dok C.

Għandu ukoll jingħad illi din il-Qorti ġia ddeċidiet l-ewwel eċċeżżjoni preliminari ta' l-Uffiċjal Riċevitur billi ċaħdet l-istess

[1] Folio 67
[2] Folio 68
[3] Folio 70
[4] Folio 64
[5] Esebita bħala dok A mar-rikors promotur folio 4

u dan permess ta' sentenza preliminari datata 15 ta' Jannar, 2020.[6]

Senjatament il-provi prodotti mir-rikorrenti huma affidavit ta' Mark Ellul Sullivan[7] li se jiġi riferut aktar tard f'din id-deċiżjoni, ukoll Dok C[8] li juri lis-sentenza msemmija ġia riferuta bħala dok A, dik deċiża minn din il-Qorti kif preseduta fit-28 ta' Settembru, 2016 li ġiet appellata.

Is-sur **Emmanuel Scriha**[9] Registratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali xehed u fiehem lit-taxxa mpunjata inħadmet fuq il-kawzali tal-kawza bejn il-partijiet in kwantu il-premessi kienu fuq allegazzjoni ta' l-atturi lil konvenuti ma ottemperawx ruħhom ma' patti kuntrattwali bil-konsegwenza li l-atturi ġarbu danni u konsegwentement talbu l-likwidazzjoni ta' l-istess ukoll l-kundanna għal ħlas.

Mistoqsi kif wassal għal dan wieġeb mill-affidavit stess ta' l-attur a folio 254/259 ta' l-atti tal-kawza originali fejn l-istess ikkwantifika t-telf tal-kumpanija attriċi, ukoll mill-qari tas-sentenza. Żid lil kawza kienet waħda "*da liquidarsi*".

Il-konvenuti Dr. Mizzi et.presentaw[10] bħala prova l-affidavit ta' Mark Ellul Sullivan tas-19 ta' Gunju, 2013 fil-kawza originali[11] , Dok MS3, fejn bil-ġurament tiegħu llikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' €982,489. Presentaw ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi fejn taħt is-subtitolu *telf ta' qliegħ* tissemma l-istess somma, ukoll n-nota ta sottomissjonijiet tal-konvenuti Mizzi et fejn fil-paragrafu *danni* ġiet trattata u ribattuta s-somma msemmija u pretiża[12].

Ikkonsidrat

---

[6] Folio 95

[7] Dok MES1 folio 115

[8] Folio 176

[9] Folio 189

[10] Ara nota folio 193

[11] Dok A

[12] Folio 29 ta' l-istess nota.

Illi l-ewwel premessa tar-rikorrenti biex jsostnu l-attakk tagħhom fuq it-taxxa mpunjata hija lir-Registratur intimat ma seta' qatt jintaxxa *ad valorem* in kwantu skonthom l-ewwel Qorti ma daħħlet qatt fil-kwistjoni ta' danni għalhekk ebda valur ma ġie qatt likwidat.

In subsidium dwar l-istesss sentenza fis-sottomissjonijiet tagħhom jsostnu lli din s-sentenza tista' tiġi ekwiparata ma waħda li ddeterminat biss punt ta' dritt, għalhekk mhux waħda finali, n kwantu ġiet deċiża biss r-responsabilta', jew aħjar in-nuqqas tagħha u l-Qorti ma eżaminat qatt il-kwistjoni tad-danni dovuti.

L-eċċezzjonijiet li jilqgħu għal din it-tezi, nkluz dawk esposti fin-noti tista tgħid huma l-istess fis-sustanza tagħhom.

Din il-Qorti bla tlaqliq tgħid li ma taqbel xejn mat-tezi mressqa mir-rikorrenti. Ħarsa lejn il-premessi u t-talbiet eżaminati f'dik is-sentenza jirriżulta li huwa vera illi l-atturi, allura ir-rikorrenti odjerni, fiha jressqu bħala bażi ta' l-azzjoni tagħhom ksur kuntrattwali u l-konsegwenza talba għal likwidazzjoni ta' danni. U dik hija l-azzjoni tentata. Xejn iżjed. Il-Qorti fis-sentenza finali tagħha vera ma sabitx dan il-ksur allegat u għalhekk iddisponit **b'mod finali** mill-vertenza bil-konsegwenza li ma setghetx tasal għal ebda likwidazzjoni; la ma sabet ebda ksur kontrattwali ma setgħetx tillikwida ebda danni għax ebda danni ma kienu dovuti. Dan pero ma jfissirx li b'xi tiġbid legali li hi tat sentenza preliminari jew waħda li tixbaħ hekk. **Tant lis-sentenza *sic et simplicitur* tiċħad fit-totalita' it-talbiet attriċi u ma żammet xejn pendenti jew indeċiż**. Għalhekk ir-rikorrenti huma għal kollox żbaljati f'dan ir-ragunament. Ikun verament ta' interess li wieħed jara ir-rikors ta' l-appell minnhom intavolat fil-konfront ta' din is-sentenza għax fiċ-ċert hemm qed tintalab ir-tħassir u r-revoka tas-sentenza fit-totalita' tagħha n kwantu ddeterminat it-talba fit-totalita' tagħha u ma kien hemm xejn preliminari fir-rigward.

Konsegwenza ta' dan l-argument mressaq mir-rikorrenti huma jilqgħu għat-taxxa maħruga billi għalhekk jqiesu t-taxxa

mpunjata bħala waħda maħduma ħażina għax minflokk intaxxata fuq punt ta' liġi, ġiet intaxxata *ad valorem.*

Jsaħħu dana l-argumemnt billi jressqu kif ingħad affidavit ta' Mark Ellul Sullivan. Fih igħid li hu kien shareholder u direttur tas-soċjeta' Robert Damkjaar(Malta) Ltd li kienet twaqqfet bħala joint venture bejn azzjonisti maltin u oħrajn daniżi. Jgħid li minħabba ksur kuntratwali imputat lil azzjonista daniza Damjaaker, kienu intavolaw kawza fejn għalkemm talbu d-danni pero ma talbu ebda somma partikolari għax ħallew dina l-likwidazzjoni f'idejn il-Qorti. Skontu u dan dejjem b'referenza għas-sentenza tat-28 ta' Settembru, 2016, il-Qorti ma sabitx responsabilta' allura ma kkunsidratx qatt il-kwistjoni tad-danni.

Xehed ukoll li l-ewwel sentenza kienet appellata minnhom. Ukoll lis-soċjeta' CSMR kienet irċeviet ittra uffiċjali mingħand ir-Registratur bil-figura li dan kien qed jippretendi bħala spejjez legali pero li l-istess ittra ma kellha ebda taxxa jew dokument ieħor anness magħha.

Jgħid li qabel ma ġab hu kopja mill-Qorti tat-taxxa hu qatt ma kien raha qabel.

Dana l-argument jerġa jorbot ma dak ġia espress. Qiegħed jiżbalja bil-kbir Mark Ellul Sullivan meta jirritjeni lil Qorti ma qieset qatt id-danni, dan ma għamlitux għaliex darba li ma sabitx responsabilta' ta' ksur kuntrattwali ma kellha ebda danni x'tilikkwida. Forsi jgħin eżempju simplistiku jekk sewwieq ma jinstabx ħati ta' inċident (responsabilta') daqstant ma jirrispondix għad-danni kagunati.

Pero donnu l-istess Ellul Sullivan jinsa dak li xehed hu permess ta' affidavit fil-kawza prinċipali. Dana ġie esebit bin-nota tal-konvenuti Mizzi et. F'dana l-affidavit li jġib id-data ta' Gunju, 2013, Mark Ellul Sullivan igħd hekk:-

*"It is calculated that the gross profits lost by the company that had been projected amount to €982,489. This is shown in detail in document B attached"*

Imbgħad ħarsa lejn dan id-dokument B, ukoll esebit man-nota msemmija, hemm il-kalkoli ta' kif wasslu għal dan l-ammont li fuq kollox kienu qed iressqu għal attenzjoni tal-Qorti biex taċċettah bħala dak li hi kellha tillikwida *qua* danni.

Terga u tgħid kif jidher min-noti ta' sottomissjonijiet presentati fil-kawza prinċipali, il-parijiet it-tnejn akkaparaw favur u kontra argumenti dwar din is-somma hekk likwidata mill-atturi.

Għalhekk l-argument tar-rikorrenti huwa wieħed għal kollox erroneju u dan kif ben rifless fil-ġurisprudenza nostrali.

Isibu fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Axiak vs Av.Dr.Giuseppe Vella noe**[13] lil Qorti qalet:-

*"Illi, kif kellha okkazjoni tghid din il-Qorti f'kawzi simili ttassazjoni ghandha tigi regolata mid-domanda jew talba; liema principju jista' jigi kwalifikat mill-massima l-ohra li tghid li, meta taxxa ghandha tigi fuqu regolata, cjoe` ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett taghha. Minn dan jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu dwar il kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-**'quod disputatun est'**, li jista' jigi ragjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l istess trattazzjoni tal-process; u ghal dan il-fini jistghu u ghandhom iservu tant id-dikjarazzjonijiet oralu, u **'multo magis'** l-iskritturi mdahhla fil-proceduri bil-miktub, independentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu gew proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati jigux finalment milqugha jew michuda."*

ukoll

*"Illi jekk huwa minnu li l-ispirtu informatur tat-tassazzjoni gudizzjarja ghandu jigi poggut fuq il-hsieb li s-somma taxxata tkun tali li sservi bhala kumpens proporzjonat ghar-responsabbilta` tad-difensuri, ma hemmx bzonn jinghad liema bejn id-dikjarazzjoni tar-responsabbilta` u dik tal-likwidazzjoni*

[13] Qorti ta' l-Appell 9 ta' Frar, 1951

*hija l-aktar importanti u li timporta xoghol u studju fis-soluzzjoni taghha."*

--- omissis ---

*"Illi huwa skond l-ahjar logika li d-dikjarazzjoni tar-responsabbilta` tkun taxxata **'ad valorem'**, l-ghaliex l istess hija preordinata ghall-operazzjoni jew nonoperazzjoni ta' kwalunkwe talba subordinata."*

F'sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-10 ta' Ottubru 1958 fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Barbara vs Michelina Farrugia**, li fiha ntqal*:*

*"... il-Qorti ezaminat il-Ktieb tat-Tassazzjoni u minn dan jirrizulta li l-ispejjez gew intaxxati fuq is-somma ta' £120. Din kienet is-somma li ppretenda l-attur, ara dok. Fol28. Din it-tassazzjoni hija korretta ghaliex hija konformi ghal pattika inveterata li meta, ghalkemm l-attur ikun talab somma indeterminata, pero` f'xi skrittura jew xort'ohra fil-proceduri jkun iffissa somma bhala oggett tal-pretensjoni tieghu, allura dik is-somma titqies iddomandata u ttassazzjoni – li kieku diversament kienet issir fuq l-ottenut – issir fuq dik is-somma."*

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellha dan xi tgħid fir-rigward fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Grech noe vs Abela et**.[14] - :

*"Meta mill-massa litigjuza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it taxxa ghandha tigi fuqu regolata, cioè ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett taghha. Minn dana jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-'Quod disputatum est', li jista' jigi ragjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-process; u ghal dana l-fini jistghu u ghandhom iservu tant id-dikjarazzjoni orali, u 'multo magis' l-iskritturi mdahhla fil-proceduri bil-miktub, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu gew proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati jigux imbaghad finalment milqugha jew michuda."*

Ta' l-istess ħsieb dak li ngħad fir-rigward fil-każ **Joseph Busuttil pro et noe et vs Suzanne Busuttil et deċiż fil-5 ta' Ġunju 2020** - :

*"Illi minn qari ta' dawn iż-żewġ paragrafi jinsorġi bl-aktar mod ċar li d-drittijiet tal-avukati u prokuraturi legali meta jkollhom x'jaqsmu ma' valur għandhom jiġu ntaxxati ad valorem. Issa, f'dan is-sens din il-Qorti tagħmel ampja referenza*

[14] Deċiża 25 ta' Jannar, 2002

*għas-sentenza deċiża mill-Qorti ta' l-appell fl-ismijiet Avukat Dr Joseph Ellis -vs Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex deċiża nhar it-28 ta' April, 2010 fejn ingħad illi:*

*'Premessa din l-introduzzjoni, fil-każ preżenti l-appellanti jillamenta minn dik listess tassazzjoni tar-Reġistratur fil-kawża per Rikors Nru. 67/07 deċiża, kif ingħad, fid-19.12.2008 għaliex isostni li din kellha tkun waħda ad valorem. Biex isaħħaħ dan l-assunt tiegħu l-appellanti jirrikorri għall-enunċjazzjonijiet fissentenzi fl-ismijiet* ***Avukat Dottor Carmelo Galea -vs- Silvio Zammit et, Appell Inferjuri****, 15.07.2009,* ***Kummissarju tal-Pulizija et -vs- Reġistratur tal-Qorti****,*

*Prim'Awla, Qorti Ċivili, 30.01.2008 u d-deċiżjonijiet f'dawn kompendjati. Jiġi osservat minn din il-ġurisprudenza illi in linea ta' massima hu prinċipju li ttassazzjoni ta' drittijiet ġudizzjali għandha tiġi regolata mid-domanda. Huwa konkordat ukoll illi xi drabi jista' jiġri ili għalkemm id-domanda ma tkunx kwantifikata l-prinċipju predett jista' jiġi kwalifikat mill-massima l-oħra li tgħid illi meta mill-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni ttassazzjoni għandha tiġi regolata fuq dan.* ***F'dan il-kuntest insibu b'rikapitulazzjoni ġenerali illi "hu konformi għall-prattika ta' tassazzjoni talispejjeż ġudizzjarji illi, meta, għalkemm l-attur ikun talab somma indeterminata fiċ-ċitazzjoni, pero' f'xi skrittura jew xort'oħra fi proċeduri jkun iffissa somma bħala oġġett tal-pretensjoni tiegħu, allura dik is-somma titqies id-'domandat', u t-tassazzjoni, li kieku diversament issir fuq l-ottenut, issir fuq 'dik is-somma'***[15] ***(Emmanuele Barbara -vs- Michelina Farrugia, Appell Ċivili****, 10.10.1958). Fl-istess sens konkordi huma s-sentenzi bħal* ***Lawrence Manchè vs-Reġistratur tal-Qrati Superjuri****, 07.07.1982 u* ***Avukat Leslie Grech nomine -vs-Frank Abela et****, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 25.01.2002;"*

Il-**Mortara** fil-kummenti tiegħu fuq il-Kodiċi Ċivili Taljan għandu dan xi jgħid fir-rigward

***'il valore della causa si determina dalla domanda'***

**…**

***'questa formola della legge puo essere interpretata in due sensi, secondoche' per 'domanda' si intende soltanto la 'pretesa' che l'attore deduce nella sua citazione ovvero il 'complesso' della controversia su cui il magistrato e' invitato a pronuciare la sentenza'*** *(Volum II, pagna 37). U aktar tard l-istess awtur jghid*

[15] Tipa grassa u sottolinear ta' din il-Qorti

*(idem pagna 94):* ***'in questo senso la regola che il valore della causa si determina dalla domanda va riferiti non piu` all'istanza proposta dall'attire con la citazione, ma a quella che viene chiamata da alcuni la massa litigosa, ossia il complesso del tema contenzioso, sviluppatosi e formato integralmente nel corso del processo. "***

Il-ġurisprudenza nostrali hija kopjuza u konformi f'dan ir-rigward. Joħrog ċar għalhekk lir-rikorrenti, b'mod partikolari Mark Ellul Sullivan, kienu huma stess li stradaw it-tassassjoni versu l-ammont stabbilit. Anke jekk il-kawza kienet da likwidarsi, kif jirrizulta mill-provi r-Registratur straħ fuq id-dikjarazzjonijiet imsemmija fir-rigward ta' l-ammont. Tfakkar u temfasizza li kien preċisament dak l-ammont, li kieku l-Qorti wasslet għar-responsabilta', li kien pretiż mill-atturi bħali danni.

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza, kif saret fis-sottomissjonijiet tal-intimati Mizzi et għal dak li jgħidu t-Tariffi A u E tal-Iskeda A tal-Kap 12 dwar l-intaxxar tad-drittijiet tar-registru u drittijiet ta' avukati u prokuraturi legali fost l-oħrajn fejn si tratta ta' kawza da likwidarsi, dana kif rifless u espost fil-ġurisprudenza ċitata.

Ir-rikorrenti jressqu ukoll l-argument illi r-Registratur ma jistax jintaxxa u jitlob d-drittijiet stante lid-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti llum hija soggetta għal appell għalhekk mhux waħda finali. Ukoll illi ma l-ittra uffiċjali mibgħuta lilhom ma ġietx annessa l-kopja tat-taxxa maħruga.

Dawn iż-żewġ argumenti ukoll huma fiergħa.

Dwar il-finalita' tas-sentenza il-Qorti fuq spunta ta' dak li argumenta r-Registratur fin-nota ta' sottomoissjonijiet tiegħu, tara li l-artikolu 4(3) tat-Tariffa A tal-Kap 12 bla dubbju jagħti lir-Registratur il-poter li jitlob d-differenza tad-dritt tar-Registru, jekk l-ammont likwidat wara **sentenza finali** jkun aktar għoli minn dak l-ammont inizjali mħallas lir-Registru dejjem mingħand *"il-parti li tkun*

*għamlet il-kawza"* dan id-dritt huwa naxxenti *ex lege* wara s-*sentenza finali,* kif tgħid l-istess kelma tal-liġi. Ukoll fl-artikolu 11 tat-Tariffa A insibu ukoll *illi "fi żmien xahar mill-għoti ta' sentenza finali, ir-Registratur għandu jara li titħejja taxxa tal-ispejjeż finali u kopja tagħha tintbagħat lil partijiet u lill-avukati u prokuratri legali tagħhom".*

Huwa ċar illi kieku l-liġi riedet li bil-finalita' ta' sentenza tfisser waħda li għaddiet in ġudikat kienet tgħid dan, dejjem a bażi talp-massima *ubi lex volit dixit*. Is-sentenza moghtija minn Qorti ta' Prim Istanza hija waħda finali fil-kuntest li tingħata, pero ma jfissirx li qabel ma jgħaddi t-terminu ta' l-appell jekk dan ma jsirx jew sakemm jiġi determinat l-istess appell, li tkun waħda li għaddiet in ġudikat. Il-kelma tal-liġi fl-artikoli ċitati hija ċara u nkonfondibbli; ir-Registratur fir-rigward ta' l-ispejjez dovuta lilu għandu dritt ta' rkupru ta' l-istess mingħand min jipropni l-kawza darba hemm **deċiżjoni finali**, għalhekk anke fil-Prima' Istanza. Interessanti fil-fatt id-diċitura użata f'dawn l-artikoli tal-liġi - sentenza finali għad differenza minn waħda li għaddiet in ġudikat.

Fir-rigward ta' l-argument tar-rikorrenti fejn jilmentaw li minkejja li ġew notifikati bl-ittra uffiċjali tas-27 ta' Ottubru, 2017, permezz ta' liema is-soċjeta' CSMR(1994) Limited ġiet mitluba tħallas is-somma ta' €10,278.00[16] dritt tar-Registru, pero li ebda taxxa ma ġiet annessa ma l-istess ittra uffiċjali, ir-Registratur jirribatti lli dan ma jfissirx lit-taxxa mitluba mhux waħda eżekuttiva meta intbagħtet l-ittra uffiċjali.

Ir-Registratur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu sew jirribatti illi t-titolu eżekuttiv favorih huwa naxxenti *ex lege* mill-artikolu 253 tal-Kap 12 *sic et simplicitur*. L-ittra uffiċjali, att ġudizzjarju f'din il-forma, jirrendi biss l-istess

[16] Taxxa skont l-ammont stabbilit

titolu eżekuttiv wieħed eżegwibbli wara jumejn minn notifika; artikolu 256(2). Mhix għalhekk l-ittra uffiċjali li tagħti t-titolu eżekuttiv.

Dan ovvjament ma jiprekludix li talli taxxa tiġi attakata bl-effett allura fuq l-eżekuzzjoni tagħha, dipendenti mill-eżitu.

Fir-rigward ta' l-artikolu 64 insibu lil Qorti fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Dr.T.Azzopardi vs Direttur tal-qrati Ċivili u Tribunali et**[17] iritenit li :-

*"L-artikolu 64(1) tal-Kapitolu 12 jipprovdi li "l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-registratur, u t-taxxi maghmulin minnu ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar. Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b'rikors li ghandu jigi trattat sommarjament mill-qorti.* ***Dan iz-zmien, ghal dawk li jitolbu t-taxxa ta' l-ispejjez, jibda jghodd mill-gurnata li fiha tkun harget it-taxxa, u, ghad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att gudizjarju, mill-gurnata ta' dik innotifika."***[18]

*F'sentenza tal-Prim Awla, datata 26 ta' Ottubru, 2010, Citazzjoni Numru. 450/2008, fil-kawża bl-ismijiet "Joseph Bonello et vs Ir-Registratur tal-Qorti et" saret referenza ghall-kawza fl-ismijiet "Speranza Gatt et vs Dr. Albert Libreri et" deciza fit-18 ta' Frar, 2010 fejn intqal:- "... Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrattiv li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss."*

[17] 17 ta' Mejju, 2013; 198/2010
[18] Emfasi tal-Qorti.

Fl-atti tal-mandat ta’ Qbid Eżekuttiv numru 1577/14MB fl-ismijiet l-**Avv.Dott. Jan-Karl Farrugia u P.L. Jean Pierre Busutill vs Marc Aquilina pro et. noe**[19] intqal

*“ Skont l-artikolu **253 (c) tal-Kap.12** huma titoli esekuttivi:*

*"(ċ) taxxi ta’ drittijiet u spejjeż ġudizzjarji, maħruġa favur tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, ta’ avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit ieħor imqabbad minn qorti, jew xhud, meta dawn it-taxxi ma jkunux ġew attakkati skont il-liġi;"*

*It-taxxi huma fost it-titoli ezekuttivi li jsiru esegwibbli wara jumejn ghall anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju (**artikolu 256(2) tal-Kap. 12).***

*Inoltre skont l-**artikolu 64** tal-Kap.12:*

*"**64.** (1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u ttaxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b’rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b’att ġudizjarju, mill-ġurnata ta’ dik innotifika."*

*Mehudin flimkien dawn l-artikoli jissarfu fil-pedament tal- esegwibbilta' tat-taxxi bhala titlu ezekuttiv. Dan hu ibbazat fuq in-notifika tad-debitur bl-ittra interpellatorja (256(2)) u li mill-istess notifika jiskatta d-dritt moghti lid-debitur biex jimpunja t-taxxa skont l-artikolu 64 fuq citat. Dan hu wkoll konformi mal-principju l-aktar fondamentali tal-gustizzja naturali li jirrikjedi ad validitatem in-notifika ta' min ikun imsejjah in gudizzju.”*

[19] Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Ikkonsidrat

Illi minn dan it-tagħlim l-Qorti tislet illi a prexxindere minn kull ittra uffiċjali li magħha jkollha annessa t-taxxa maħduma, it-taxxa ta' l-ispejjez u drittijiet dovuti lir-Registratur hija *ex lege* titolu eżekuttiv, is-sejħa għal ħlas tagħħa trid isir b'att ġudizzjarju u wara jumejn minn notifika ta' dan debitament notifikat dan it-tiolu jista jiġi ezegwit. Pero isir jew ma ssirx din it-talba għal ħlas hija l-liġi li tqiegħed dawn id-drittijiet u taxxi ġudizzjarji, maħruga a favur ir-Registratur, fuq dan il-binarju eżekuttiv.

L-attakk fuq l-eżegwibilta' ma jxejjen xejn minn natura eżekutiva ta' dawn id-drittijiet. U kieku biss ma hemm xejn x'jżomm lir-Registratur li jerġa hekk jinnotifika qabel ma jgħaddi għal eżekuzzjoni.

**Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet tiċħad it-talbiet kollha mressqa bl-ispejjez a karigu tal-atturi solidament bejniethom.**

**Onor. Miriam Hayman**

**Imħallef**

**Victor Deguara**

**Dep Reg**